MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 775/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 775/2015LM fl-ismijiet:**

**Dr. Majdi Ashibani bħala Chairman tal-iSteering Committee tas-soċjetà "Libyan Post, Telecommunications & Information Technology Holding Company" (LIPTIC) u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2015 l-ittri tra parentesi għandhom jinqraw bħala (LPTIC), kumpannija reġistrata skont il-liġijiet tal-Libja (ċertifikat ta' reġistrazzjoni bin-numru 66690), li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa Bab Ben Ghashir, Tripoli, Libja u in rappreżentanza tal-istess soċjetà**

**vs**

**(1) Feisal Gergab (Passport Numru 2075522009), (2) Rajab Fawzi R Ben Rejab (Passport Numru RFKZK59), (3) Nahed M. Ali Subar (Passaport Numru 616572) u (4) LPTIC Services Limited (C68876) reġistrata Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Dr. Majdi Ashibani nomine** fejn talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Mandat") għar-raġunijiet li ġejjin li:

*"Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:*

*Illi l-esponent nomine għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti nomine.*

*Illi l-esponent nomine, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati kollha –*

*(1) milli jkomplu jagħmlu użu illegali minn 'letterheads' tas-soċjetà "Libyan Post Telecommunications and Information Technology, Holding Company" (LPTIC);*

*(2) milli jaġixxu għat-twettiq tal-għanijiet illegali tagħhom li jġibu taħt il-kontroll tagħhom is-soċjetà fil-Lussemburgu "Bousval" u l-ishma fil-kumpannija Taljana "Retelit", liema ishma jiswew miljuni ta' Euro, billi jkomplu jimmisrappreżentaw l-interessi ta' LPTIC bħala l-proprjetarja tal-imsemmija investimenti esteri;*

*(3) milli jgħaddu risoluzzjonijiet u, b'kull mod li jkun, jaġixxu allegatament bl-awtorità ta' LPTIC u għan-nom ta' LPTIC, liema awtorità tneħħietilhom;*

*Ir-rikorrent nomine jitlob illi t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat tiġi milqugħa provviżorjament minn issa stess.*

*Illi d-drittijiet u interessi tas-soċjetà rappreżentata minnu sejrin jiġu irrimedjabbilment ippreġudikati kemm-il darba t-talba għall-ħarsien tal-assi ma tiġix milqugħa u l-intimati ma jiġux miżmumin milli jaġixxu kif fuq imfisser.*

*Għaldaqstant l-esponent nomine umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija".*

Mar-Rikors promotur ġie anness dokument li jgħid is-segwenti:

*"1. Illi s-soċjetà "Libyan Post, Telecommunications and Information Technology, Holding Company" (LPTIC) fil-Libja issa hija mmexxija minn 'management' ġdid bl-isem ta' Steering Committee, imwaqqaf fis-26 ta' Ottubru, 2014, li ħa l-post tal-Bord tad-Diretturi.*

2. *Illi dak li qabel kien Chairman ta' LPTIC, l-intimat Feisal Gergab, abbanduna d-dmirijiet tiegħu għal perijodu mhux raġjonevoli ta' żmien u sparixxa miċ-ċirkolazzjoni fi Tripoli. Sussegwentement huwa ġie mneħħi mill-kariga mill-Amministrazzjoni tal-pajjiż, u ċjoè mill-Ministru tal-Komunikazzjonijiet u l-Informatika, fis-26 ta' Ottubru, 2014. L-imsemmija 'holding company' LPTIC minn dak iż-żmien qed tiġi mmexxija mill-imsemmi (recte) Steering Committee fi Tripoli. LPTIC topera l-investimenti li għandhom il-kumpanniji sussidjarji tagħha.*

3. *Illi l-intimat Feisal Gergab u l-persuni assoċjati miegħu tfaċċa hawn Malta u, taħt pretensjonijiet foloz, waqqaf, inkorpora u rreġistra hawn Malta 'limited liability company' fit-3 ta' Frar, 2015, "LPTIC Services Limited" (C68876).*

4. *Illi skont il-Memorandum u Articles of Association ta' LPTIC Services, il-'holding company' LPTIC hija proprjetarja ta' elf u mitejn (1,200) Ordinary Shares ta' (euro) €1 -il wieħed (imħallsa kollha) f'LPTIC Services. L-attriċi LPTIC hija l-unika azzjonista tas-soċjetà Maltija LPTIC Services.*

5. *Illi l-intimati Feisal Gergab u Rajab Fawzi R Ben Rejab huma l-ewwel diretturi ta' LPTIC Services Limited, filwaqt li l-'company secretary' huwa Nahed M. Ali Subar.*

6. *Illi l-holding company LPTIC hija l-unika azzjonista limitata ta' "Bousval S.A.", li hija kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata eżistenti skont il-liġijiet tal-Grand Duchy tal-Lussemburgu bl-uffiċċju reġistrat f'L-1424 Luxembourg, 9B, boulevard du Price Henri u reġistrata (recte) mar-Reġistru tal-Kummerċ u l-Kumpanniji tal-Lussemburgu bin-numru B129.844. Bousval tippossjedi ishma fil-kumpannija Taljana "Retelit", liema ishma jiswew miljuni ta' Euro.*

7. *Illi fi Frar 2015, wara li Feisal Gergab kien ġie mneħħi minn Chairman ta' LPTIC, waqt li ta lil wieħed x'jifhem li qed jaġixxi għan-nom ta' LPTIC iżda fil-fatt mingħajr l-awtorizzazzjoni u ad insaputa tal-allura eżistenti Steering Commitee ta' LPTIC, ġiegħel lil LPTIC biex tbiegħ u tittrasferixxi sehem wieħed fil-kumpannija Bousval b'valur nominali ta' għaxar (€10) lil LPTIC Services. Wara dan il-bejgħ, LPTIC tidher li għandha sebat elef erba' mija u disgħa u disgħin (7499) ishma b'valur nominali ta' għaxar euro (€10) fil-kapital ta' Bousval, filwaqt li LPTIC Services tidher li għandha sehem wieħed (1) b'valur nominali ta' għaxar euro (€10) fil-kapital ta' Bousval.*

8. *Illi, wkoll mingħajr l-awtorizzazzjoni u ad insaputa tal-iSteering Committee ta' LPTIC, l-intimat Feisal Gergab allegatament ikkawża li Bousval tinbidel minn kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata (société anonyme) għal partnership limited by shares (société en commandite par actions), mingħajr xoljiment u mingħajr il-ħolqien ta' personalità ġuridika ġdida. L-isem tal-kumpannija ġie mibdul minn "Bousval S.A." għal "Bousval S.C.A." u l-uffiċċju reġistrat ta' Bousval ġie trasferit mill-indirizz li kien hemm fis-seħħ 9B, boulevard du Prince Henri, L-1424 Luxembourg, għal 12, rue Jean Engling L-1466 Luxembourg, Grand Duchy of Luxembourg.*

9. *Illi bl-għan li jkunu jistgħu jwettqu dawn it-tibdiliet strutturali u jiksbu kontroll fuq il-kumpannija tal-Lussemburgu Bousval, l-intimati għamlu użu frawdolenti mill-karti intestati (letterheads) ta' LPTIC.*

10. *Illi l-intimati ppretendew u kkontendew illi tterminaw il-mandat li kellhom leġittimament l-accountant u l-aġent domiċiljazzjoni (domiciliation agent) ta' Bousval S.A., kif ukoll saħansitra l-awdituri u l-avukati.*

11. *Illi l-attriċi LPTIC ingħatat struzzjonijiet mill-Ministru tal-Komunikazzjonijiet u l-Informatika, Eng. Sami Mohammed Elfantazi, biex twaqqaf lill-intimati Feisal Gergab, Rajab Fawzi R Ben Rejab u Nahed M. Ali Subar u lil LPTIC Services milli jkomplu jimmisrappreżentaw l-interessi ta' LPTIC bħala l-proprjetarja tal-investimenti esteri u biex jimpedixxi lill-intimati milli jkomplu joħolqu iktar preġudizzju fir-rigward tal-imsemmija investimenti esteri.*

12. *Illi l-attriċi LPTIC, li għandha l-appoġġ sħiħ tal-Amministrazzjoni tal-pajjiż fi Tripoli, kontestwalment ippreżentat talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex twaqqafhom milli jaġixxu għat-twettiq tal-għanijiet illegali tagħhom biex iġibu taħt il-kontroll tagħhom Bousval u l-ishma fil-kumpannija Taljana "Retelit", liema ishma jiswew miljuni ta' Euro.*

13. *Illi l-attriċi LPTIC qiegħda tfittex li tissalvagwardja dawn l-investimenti għall-poplu tal-Libja.*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżor-jament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tal-intimati **(1) Feisal Gergab (Passport Numru 2075522009), (2) Rajab Fawzi R Ben Rejab (Passport Numru RFKZK59), (3) Nahed M. Ali Subar (Passaport Numru 616572)** u **(4) LPTIC Services Limited (C68876)** ppreżentata fid-19 ta' Mejju, 2015 li tgħid kif ġej:

*"1. Illi l-mandat mitlub m'għandux jintlaqa' u dan inter alia għas-segwenti raġunijiet:*

*1.1. It-talba għall-ħruġ tal-mandat hija nulla u ineffettiva a bażi tas-segwenti:*

*(a) It-talba ma tispeċifikax il-pretensjoni tar-rikorrenti kif inhu rikjest mil-liġi taħt il-piena ta' nullità tal-att;*
*(b) Ir-rikorrenti ma kkonfermax bil-ġurament l-allegat interess tiegħu fl-inġunzjoni;*
*(c) Il-konferma bil-ġurament li ttieħdet ma tiswiex billi ttieħdet minn persuna mhux residenti f'Malta.*

*1.2 Il-Lis Alibi Pendens stante li fit-13 ta' Mejju, 2015 ir-rikorrent ipproċeda quddiem il-Qrati tal-Lussemburgu fejn qiegħed jitlob l-istess rimedju li l-istess rikorrent qiegħed jitlob f'Malta.*

*1.3 Ir-rikorrent ma għandu ebda locus standi f'din l-azzjoni inter alia għas-segwenti raġunijiet:*

*(a) L-iSteering Committee premessa fir-rikors u allegatament għan-nom ta' liema jaġixxi ir-rikorrent ma teżistix u ma għandha ebda funzjoni fil-liġi tal-Libja u/jew*

*(b) Ir-rikorrent ma jirrappreżentax il-kumpannija Libjana Post, Telecommunications and Information Technology Company ("LPTIC"), kumpannija Libjana mwaqqfa skont il-liġijiet tal-Libja.*

1.4 *Ir-rikorrent ma għandu ebda dritt prima facie li jinħtieġ ta' tutela bl-att preżenti u ma jista' jsofri ebda preġudizzju jekk il-mandat ma jintlaqax.*

2. *SFOND*

2.1 *Ir-rikorrent jirrappreżenta grupp ta' individwi li qegħdin jippruvaw jużurpaw il-poteri tal-Istat Libjan fuq il-proprjetà tal-poplu Libjan.*

2.2 *LPTIC hija korporazzjoni Libjana stabbilita bil-liġi tal-Libja. Tappartjeni lill-Istat Libjan.*

2.3 *LPTIC Services Limited, hija sussidjarja Maltija ta' LPTIC li l-ishma tagħha jappartjenu kollha lil LPTIC. Għalhekk il-benefiċjarju aħħari tal-kumpannija Maltija huwa l-Istat Libjan.*

2.4 *L-intimati l-oħra huma d-diretturi u s-segretarju tal-kumpannija LPTIC Services Limited u li kienu ġew maħtura minn LPTIC meta ġiet reġistrata l-kumpannija.*

2.5 *Għalhekk ma huwiex il-każ li f'din ir-risposta wieħed jidħol fid-dettal fil-fatti, l-intimati jikkonfermaw bla tlaqliq li l-fatti deskritti mir-rikorrent fir-rikors odjern huma foloz u svijanti.*

2.6 *Per eżempju mhuwiex minnu li hemm tmexxija ġdida fi ħdan il-kumpannija Libyan Post Telecommunications & Information Technology Company ("LPTIC"); l-iSteering Committee ma huwiex organu tal-kumpannija u ma għandu l-ebda leġittimità fil-liġi tal-Libja. L-interferenza ta' dan l-hekk imsejjħa kumitat fl-affarijiet ta'*

*LPTIC hi illegali u m'għandha ebda bażi fil-liġi tal-Libja. Jirriżulta minflok li l-iSteering Committee inkwistjoni twaqqaf mill-moviment Libyan Dawn li jaġixxi fil-Libja mingħajr rikonoxximent.*

*2.7 Lanqas ma hu veru li l-intimat Feisal Gergab tneħħa mill-kariga ta' rappreżentant ta' LPTIC. Filfatt huwa kien ġie maħtur fil-kariga tiegħu direttament mill-Prim Ministru tal-Libja Al Thini li jmexxi l-uniku Gvern fil-Libja rikonoxxut internazzjonalment u mill-Gvern Malti.*

*2.8 Il-moviment Libyan Dawn ma huwiex rikonoxxut mill-Istat Malti bħala organu li jirrappreżenta l-Istat Libjan.*

*2.9 Dak li qed naraw f'din il-kawża għalhekk hu tentattiv da parti ta' moviment sabiex jieħu f'idejh l-assi li l-poplu Libjan għandu barra mil-Libja.*

*3. Sovranità tal-Istat Libjan*

*3.1 L-ewwel punt li jrid isir huwa li l-Qorti Maltija ma għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi liema entità hija kapaċi li tirrappreżenta l-Istat Libjan u ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi liema entità għandha s-setgħa fl-Istat Libjan jew l-entitajiet kummerċjali tagħha. Din il-materja hija riservata lill-Qrati tal-Libja u lil-liġijiet tal-Libja. B'danakollu il-Qrati Maltin huma obbligati li jirrikonoxxu u jaġixxu skont atti li l-Gvern Malti jirrikonoxxi bħala atti tal-Gvern Libjan.*

*3.2 F'dan ir-rigward l-intimati qegħdin kontestwalment jippreżentaw dikjarazzjoni maħruġa mill-Ambaxxatur tal-Libja f'Malta li jgħid bl-*

*aktar mod ċar li d-dokumenti minn A sa F ippreżentati mir-rikorrent fl-atti ta' dan il-mandat ma humiex dokumenti uffiċjali tal-Istat Libjan u għalhekk m'għandhom ebda valur legali (Dokument LPTIC 1)*

3.3 *Id-dikjarazzjoni LPTIC 1 hija ffirmata mill-unika persuna rikonoxxuta mill-Gvern Malti bħala rappreżentant tal-Gvern Libjan, u ċjoè l-ambaxxatur Libjan. Dan jirriżulta minn estratt mill-website tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Malti. (Dokument LPTIC 2)*

3.4 *Hi s-sottomissjoni umli tal-intimati li fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet ta' fatt dwar il-liġi tal-Libja din l-Onorabbli Qorti trid tagħti effett lid-dikjarazzjoni tal-ambaxxatur Libjan f'Malta li huwa l-uniku rappreżentant rikonoxxut f'Malta tal-Istat Libjan.*

4. *Nullità tat-talba*

4.1 *Artikolu 831 (1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni (recte) Ċivili (COCP) jistipula li "It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrent u għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti: (a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur;" Is-subartikolu (2) jgħid li "Ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament."*

4.2 *Jirriżulta anke mad-daqqa t'għajn li r-rikors li hu miktub bl-id ma jikkontjeni ebda informazzjoni kwalsiasi dwar il-pretensjoni tiegħu. Il-pretensjoni għandha tkun parti mir-rikors u ma jistax jiġi nserit bħala dokument anness miegħu.*

4.3 *Id-difett, bir-rispett kollu, huwa tali, li ma jistax jiġi sanat u dan minħabba il-kliem tal-liġi li espressament jimponu l-piena ta' nullità għal tali nuqqas. Il-liġi tuża l-kliem "taħt il-piena tan-nullità tal-att". Dan ifisser, fil-fehma umli tar-rikorrent, li l-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni li tippermetti att hekk difettuż.*

4.4 *Illi bir-rispett kollu jingħad li d-diċitura ma hijiex każwali, iżda minħabba li mandat ta' inibizzjoni huwa restrittiv tal-libertà personali huwa essenzjali li r-rikorrent ikun stabbilixxa l-pretensjoni tiegħu bil-preċiżjoni.*

4.5 *Ma hemm ebda dubju li t-talba għall-ħruġ tal-mandat jikkostitwixxi skrittura (written pleading) kif maħsub fil-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili. L-Artikolu 180(1) filfatt jipprovdi li fejn ir-rikorrent huwa persuna assenti minn Malta l-iskrittura trid tiġi ppreżentata minn prokuratur li jkun preżenti f'Malta. Il-ħsieb wara din ir-regola huwa sabiex il-Qorti tkun tista' teżerċita kontroll fuq il-parti u minħabba raġunijiet ta' spejjeż. Ir-rikorrent f'dan il-każ mhuwiex residenti f'Malta jew f'xi pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Huwa indikattiv tal-attitudni tar-rikorrent li jindika l-indirizz tal-Qorti bħala indirizz tiegħu għal skopijiet ta' notifika. Huwa ċar li r-rikorrent ma jirrisjedix il-Qorti. Fl-eventwalità li r-rikorrent jiġi kkundannat iħallas spejjeż u/jew danni minħabba l-aġir tiegħu dawn mhumiex se jinġabru.*

4.6 *L-att inkwistjoni għalhekk huwa null u ineffettiv għaliex ma ġiex ippreżentat fil-forma u bis-sustanza rikjesta mil-liġi.*

5. *Lis Alibi Pendens*

*5.1 Fit-13 ta' Mejju, 2015 ir-rikorrent ipproċeda b'rikors quddiem il-Qrati tal-Lussemburgu (Dokument LPTIC 3). Ir-rikors ippreżentat fil-Lussemburgu ġie ppreżentat jumejn qabel il-proċedura odjerna f'Malta. Il-partijiet u l-fatti huma identiċi. Minkejja li r-rikorrent ma jiddikjarax il-pretensjoni tiegħu fil-proċeduri Maltin, wieħed jista' jassumi li finalment huwa l-istess. Hija l-umli sottomissjoni ta' din il-parti, għalhekk li jekk kellha tiġi ppreżentata proċedura din kellha tiġi ppreżentata fil-Lussemburgu u li għalhekk il-proċeduri odjerni huma żejda u għandhom jiġu riġettati.*

*6. L-ebda locus standi*

*6.1 Ir-rikorrent qiegħed jgħid li qiegħed jaġixxi bħala Chairman tal-iSteering Committee ta' LPTIC għan-nom tal-istess LPTIC. Dan skont hu huwa l-interess tiegħu fil-materja.*

*6.2 Is-sottomissjoni ta' din il-parti hija li r-rikorrent u l-iSteering Committee m'għandhomx ir-rappreżentanza ta' LPTIC. L-iSteering Committee mhiex organu uffiċjali ta' LPTIC.*

*6.3 Ir-rikorrent ma għandu ebda awtorità li jirrappreżenta lil (recte) LPTIC. Evidentement f'azzjoni fejn individwu li allegatament jippreżenta kumpannija jallega li individwu ieħor ma għandux ir-rappreżentanza ta' kumpannija oħra, jinkombi fuq minn jallega li juri li huwa stess qiegħed jaġixxi validament bħala rappreżentant u li l-awtorità tiegħu hija kurrenti. F'dan il-każ ir-rikorrent ma jistax jipprova li hu r-rappreżentant leġittimu u anzi l-provi fil-proċess juru l-kuntrarju. M'hemmx dubju li d-dokumenti li jistrieħ fuqhom ir-rikorrent huma mingħajr ebda valur.*

6.4 *Flimkien mar-risposta tagħhom l-esponenti ppreżentaw dikjarazzjoni maħruġa mill-Ambaxxatur tal-Libja (LPTIC 1). Din id-dikjarazzjoni turi mingħajr ebda dubju li d-dokumenti li jistrieħ fuqhom ir-rikorrent ma humiex maħruġa minn awtorità Libjana u għalhekk ma jagħtu ebda poter lir-rikorrent.*

6.5 *Għalhekk anke biss fuq din il-bażi it-talba għandha tiġi miċħuda billi r-rikorrent ma għandux locus standi rikjest mil-liġi.*

6.6 *Minbarra l-fatt li dawn mhumiex dokumenti tal-Istat Libjan, għandu jirriżulta li l-istess dokumenti (A sa F) ma għandhom ebda valur bħala prova billi mhumiex awtentikati skont il-liġi.*

6.7 *Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad ukoll li anke kieku kien awtorizzat debitament biex iressaq din il-proċedura filfatt jiddifetta minn kwalsiasi interess ġuridiku biex iressaq din l-azzjoni.*

7. *Ebda dritt prima facie*

7.1 *Mingħajr preġudizzja għar-raġunijiet ġa mogħtija l-intimati jissottomettu li r-rikorrent ma jissodisfax it-test tal-liġi impost mill-Artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili. It-test huwa "Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

7.2 *Kif irreteniet din l-istess Qorti preċedentement: "Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li l-uniku eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan ir-rigward huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu veru u proprju jiġi investigat fil-kawża nnifisha bejn il-partijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix. Tqis li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħarġet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat." (ara Mugliette vs. John Gauci Maistre 2021/2014 – deċiża 15 ta' Jannar, 2015).*

7.3 *Ġa rajna li r-rikorrent ma jirrappreżentax lil LPTIC u m'għandu ebda setgħa li jressaq din it-talba.*

7.4 *Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li r-rikors ma jispeċifikax eżattament xi drittijiet qegħdin allegatament jinkisru mill-intimati. Apparti minn allegazzjonijiet vagi u bla sustanza li jistgħu jiġu preżunti mid-dokumenti annessi mar-rikors (iżda mhux fir-rikors innifsu) ir-rikorrent ma jitlob ebda dritt speċifiku li jinħtieġ li jiġi salvagwardjat b'din il-proċedura.*

7.5 *Kif jirriżulta mis-certificate of good standing maħruġ mir-reġistru tas-soċjetajiet (Dok. LPTIC 4), il-kumpannija LPTIC Services Limited hija validament reġistrata f'Malta u d-diretturi huma għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi mogħtija (recte) is-setgħat kollha li jirrappreżentaw lil LPTIC Services Limited.*

7.6 *Il-Qorti għandha bir-rispett kollu tagħti effett lill-pożizzjoni legali li tirriżulta mir-reġistrazzjoni tal-intimati bħala diretturi ta' kumpannija f'Malta. Filfatt l-intimati ma tneħħewx mill-karigi rispettivi tagħhom fil-kumpannija Maltija. Il-liġi dwar il-Kumpanniji tipprovdi lill-azzjonisti drittijiet u rimedji partikolari u speċifiċi. Dawn id-drittijiet u dawn ir-rimedji ma humiex qegħdin jiġu invokati f'dan ir-rikors. Dan jingħad ovvjament bla preġudizzju għall-fatt li jirriżulta li r-rikorrent ma jirrappreżentax l-azzjonista ta' LPTIC Services Limited jew addirittura ta' LPTIC.*

7.7 *L-intimat ġa wrew li d-dokumenti A – F ippreżentati mir-rikorrent ma għandhom ebda valur kwalsiasi. Għalhekk kull pretensjoni li tirriżulta u/jew titwieled mid-dokumenti inkwistjoni għandha tiġi riġettata awtomatikament.*

7.8 *Fi kwalunkwe każ ir-rikorrent m'għandu ebda jedd li jipprova jżomm lill-intimati milli jaġixxu għan-nom tal-kumpannija Libjana LPTIC. Hemm problema oħra fit-talba billi mhuwiex ċar eżattament f'liema kapaċità qegħdin jiġu ċitati l-ewwel tlett intimati. In-nuqqas ta' kjarezza tqajjem diversi problemi anki kif irrilevat il-Qorti fil-mandat premess Mugliette vs. Gauci Maistre. Per eżempju, jekk l-individwu konċernat huwa wkoll direttur ta' kumpannija barranija, tista' din il-Qorti tinibixxi l-individwu konċernat anke milli jaġixxi għan-nom ta' dik il-kumpannija estera? Ċertament wieħed jippreżumi din ir-raġuni 'l għaliex l-istess rikorrenti għamlu kawża fil-Lussemburgu. Iżda r-rikors odjern ma jagħmilx id-distinzjoni u għalhekk tinħoloq il-*

*kwistjoni dwar jekk it-talba odjerna jkollhiex effett barra minn Malta.*

8. *Nuqqas ta' preġudizzju irrimedjabbli*

8.1 *Ir-rikorrent ma jista' qatt isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk dan il-mandat ma jintlaqax. L-intimati huma diretturi ta' kumpannija Maltija li hija wkoll intimata. Kif ġja rajna l-kumpannija LPTIC Services Limited hija sussidjarja tal-kumpannija LPTIC. Huwa evidenti għalhekk li l-allegazzjoni li LPTIC Services Limited qed tipprova tieħu kontroll ta' xi assi li diġà jappartjenu lil LPTIC hi għal kollox frivola għaliex l-assi jibqgħu fil-kontroll ta' LPTIC.*

8.2 *Fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda irrimedjabbiltà - għal kull fatt speċifiku li jissemma fil-mandat hemm rimedju speċifiku. Dawn joħorġu mill-att dwar il-kumpanniji li jipprovdi rimedji speċifiċi u partikolari għas-sitwazzjonijiet kollha indikati. M'hemmx il-ħtieġa għal dan il-mandat għaliex il-liġi tipprovdi rimedji oħra.*

8.3 *Ir-rikorrent m'hu ser isofri ebda dannu jekk il-mandat ma jintlaqax. Il-kuntrarju huwa veru. LPTIC u l-poplu Libjan se jsofru preġudizzju kbir jekk il-mandat jintlaqa' u l-intimati ma jitħallewx ikomplu jaġixxu fil-karigi li għandhom illum. Dan għaliex ir-rikorrent effettivament qiegħed jittanta jfixkel lill-intimati fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom u qiegħed jipprova jwaqqafhom milli jieħdu passi biex jissalvagwardjaw aħjar il-proprjetà tal-Istat Libjan.*

9. *Għal dawn ir-raġunijiet u dak kollha li ser jirriżultaw waqt is-smigħ, hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti li dan il-mandat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

10. *L-esponenti minn issa jirriżervaw id-drittijiet tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti għad-danni u jew kumpens mod ieħor naxxenti mill-aġir malizjuż tiegħu u fit-tentattivi li jindaħal bla jedd fl-affarijiet tal-intimati.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda ta' Pierre Mallia, Direttur tal-Protokoll u Servizzi Konsolari fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

Semgħet lill-avukati difensuri tar-rikorrenti jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar minn għandu l-kontroll effettiv tal-kumpannija statali Libjana "Libyan Post, Telecommunications and

Information Technology, Holding Company" (minn issa ‘l quddiem imsejħa LPTIC Holding) u tal-kumpanniji sussidjarji tagħha l-kumpannija reġistrata f’Malta LPTIC Services Limited (C68876), il-kumpannija reġistrata fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu "Bousval S.C.A.", u l-kumpannija reġistrata l-Italja "Retelit".

Bħala retroxena għal din il-kwistjoni, hemm il-kunflitt imdemmi fil-Libja fejn il-Gvern tal-Libja uffiċjalment rikonoxxut min-Nazzjonijiet Maqgħuda u mill-Gvern Malti m’għandux kontroll effettiv fuq parti sostanzjali mit-territorju Libjan li hu kkontrollat minn entitajiet oħra li mhumiex uffiċjalment rikonoxxuti min-Nazzjonijiet Maqgħuda u mill-Gvern Malti.

L-intimat Feisal Gergab ġie maħtur bħala Chairman u CEO ta’ LPTIC Holding mill-Gvern Libjan li huwa uffiċjalment rikonoxxut internazzjonalment inkluż il-Gvern Malti. Ir-rikorrent Majdi Ashibani qal bil-ġurament illi ġie maħtur Chairman ta’ LPTIC Holding wara li Feisal Gergab ġie mneħħi mill-kariga mill-Eng. Sami Mohammed Elfantazi, Ministru tal-Komunikazzjonijiet u tal-Informatika ta’ ‘National Salvation Government State of Libya’ li mhuwiex rikonoxxut internazzjonalment.

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent sabiex iħares u jikkawtela l-jeddijiet pretiżi minnu, qiegħed ifittex *inter alia* li jżomm l-intimati kollha milli “jaġixxu għat-twettiq tal-għanijiet illegali tagħhom li jġibu taħt il-kontroll tagħhom is-soċjetà tal-Lussemburgu “Bousval” u l-ishma tal-kumpannija “Retelit” ... billi jkomplu jimmisrappreżentaw l-interessi ta’ LPTIC bħala l-proprjetarja tal-imsemmija investimenti esteri”.

Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontendu li r-rikorrent m'għandu ebda awtorità li jirrappreżenta lil LPTIC.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti tibda biex tirrileva qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi fil-kors ta' dawn il-proċeduri ġew ippreżentati għadd ta' fotokopji ta' dokumenti, kemm mir-rikorrent u kif ukoll mill-intimati, li mhumiex dokumenti oriġinali u lanqas ma ġew awtentikati kif trid il-liġi. Dokumenti A sa F[1] annessi mar-rikors promotur, għad li suppost huma maħruġin minn ministeri jew dipartimenti tal-Gvern Libjan (dak ta' Tripli), dawn id-dokumenti ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri u din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.

L-istess japplika għall-fotokopja ta' ittra ippreżentata b'nota mir-rikorrent[2], liema ittra suppost inħarġet minn Prosekutur fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Libja. Din l-ittra ukoll mhijiex ammissibbli bħala prova u din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha għax mhijiex awtentikata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12.

Din il-Qorti tirrileva wkoll illi wara li kienu nagħlqu l-provi kollha tal-partijiet u r-Rikors ġie ttrattat u tħalla għall-provvediment kamerali, ir-rikorrent ippreżenta

[1] A fol. 10 sa 17 tal-proċess.
[2] A fol. 76 u 77 tal-proċess.

nota ta’ sottomissjonijiet meta ma kienx awtorizzat jagħmel dan. Din il-Qorti tqis li qabel ma r-Rikors tħalla għall-provvediment, ir-rikorrent ingħata żewġ differimenti sabiex ikun jista’ jressaq il-provi u jagħmel is-sottomissjonijiet kollha tiegħu u għalhekk qed tordna l-imsemmija nota tiġi sfilzata mill-proċess ladarba l-istadju tal-preżentazzjoni tal-provi kien ġjà magħluq.

**Eċċezzjonijiet preliminari**

Fir-risposta tagħhom l-intimati jagħtu numru ta’ eċċezzjonijiet preliminari, uħud minnhom li jistgħu jwasslu għan-nullità ta’ dawn il-proċeduri, oħrajn bħal dik tal-*lis alibi pendens* li żgur ma jistgħux jiġu trattati fi proċeduri sommarji bħalma huma dawn għal ħruġ ta’ mandat kawtelatorju fuq bażi *prima facie.*

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* għandha semmai tiġi ttrattata fil-kawża dwar il-mertu li ġiet istitwita mir-rikorrent kontra l-istess intimati. Fi proċeduri sommarji ta’ din ix-xorta, din il-Qorti mhijiex mistennija tidħol fid-dettall dwar il-kwistjoni jekk dawn il-proċeduri u l-proċeduri ġudizzjarji li ġew istitwiti fil-Grand Dukat tal-Lussemburgu mhumiex bejn l-istess partijiet u li dawn qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità (*eadem personae),* jekk hemmx fiż-żewġ proċeduri l-*eadem res* u jekk it-talbiet fiż-żewġ proċeduri għandhomx l-istess kawza *idem ius, eadem causa petendi*.

Terġa' u tgħid il-kopja tal-atti ppreżentati fil-Qrati tal-Grand Dukat tal-Lussembugu li ġiet esebita waqt is-smigħ ta' dan il-Mandat, mhijiex kopja awtentikata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha.

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-intimati dwar in-nullità tat-talba peress li r-Rikors miktub bl-id ma jikkontjeni ebda informazzjoni kwalsiasi dwar il-pretensjoni tiegħu u li l-pretensjoni kellha tkun parti mir-rikors u li ma tistax tkun inserita bħala dokument anness miegħu, din il-Qorti tqis li dan id-difett fil-forma mhuwiex wieħed li b'xi mod jippreġudika d-drittijiet tal-intimati. Evidentement id-dokument anness mar-Rikors fejn ingħatat l-informazzjoni dwar il-pretensjoni tar-rikorrent, jinkwadra l-premessi tar-Rikors Maħluf dwar il-mertu li ġie ppreżentat mir-rikorrent kontra l-intimati.

Hija prattika aċċettabbli f'dawn il-Qrati fir-rigward ta' rikorsi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, flok mal-informazzjoni in ġustifikazzjoni għall-pretensjoni tar-rikorrent tkun inkluża fir-rikors innifsu, għall-finijiet prattiċi ssir referenza għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf, dan m'għandux iġib miegħu n-nullità tal-att. Din il-Qorti tqis li bl-istess mod fejn din l-informazzjoni tingħata f'dokument separat anness mar-rikors, dan in-nuqqas fil-forma jekk jista' jissejjaħ hekk, m'għandux iwassal għan-nullità tal-att.

L-intimati eċċepew ukoll illi r-Rikors huwa null u ineffettiv għaliex ma ġiex ippreżentat fil-forma u bis-sustanza rikjesta mil-liġi, u ċjoè bħala persuna assenti minn Malta r-rikorrent kellu jippreżenta r-Rikors permezz ta' prokuratur

speċjali li jkun preżenti f'Malta u dan a tenur tal-Artikolu 180(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Di più ir-rikorrent indika l-indirizz tal-Qrati Superjuri bħala l-indirizz tiegħu f'Malta.

Din il-Qorti tirrileva li wara li ppreżenta r-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrent ma kienx preżenti għas-smigħ ta' dawn il-proċeduri u m'għamilx ruħu disponibbli biex jiġi kontroeżaminat jekk tinħass il-ħtieġa. Dawn in-nuqqasijiet, għalkemm jistgħu jinċidu fuq il-kredibbiltà tar-rikorrent, però ma jwasslux għan-nullità tal-att peress li l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 mhuwiex tassattiv li f'każ ta' persuna mhux residenti f'Malta, l-iskrittura trid bilfors tiġi ppreżentata minn prokuratur u dan peress li l-istess Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 ma jeskludix li l-iskrittura tista' tiġi ppreżentata mill-parti stess.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> *"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[3].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrent irid juri li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu r-rikorrent sejjer isofri preġudizzju u li r-rikorrent jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet.[4] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[5].

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[6] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

---

[3] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

[4] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pulliċino noe vs. Caruana Curran noe et (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).**

[5] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

[6] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

**Il-jedd *prima facie* pretiż**

Ir-rikorrent permezz tal-Mandat għamel talba biex iżomm lill-intimati milli jkomplu "jaġixxu għat-twettiq illegali tagħhom li jġibu taħt il-kontroll tagħhom is-soċjetà fil-Lussemburgu 'Bousval' u l-ishma fil-kumpannija Taljana 'Retelit', liema ishma jiswew il-miljuni ta' Euro, billi jkomplu jimmisrappreżentaw l-interessi ta' LPTIC bħala l-proprjetarja tal-imsemmija investimenti LPTIC".

Ir-rikorrent qiegħed isejjes il-pretensjonijiet tiegħu fuq il-bażi li l-intimati m'għadx għandhom id-dritt jirrappreżentaw lil LPTIC Holding peress li l-intimat Feisal Gergab ġie mneħħi minn Chairman u CEO ta' LPTIC Holding mill-Eng. Sami Mohammed Elfantazi, Minister of Communications and Informatics State of Libya National Salvation Government, u minfloku bħala Chairman ta' LPTIC Holding ġie maħtur r-rikorrent Dr. Majdi Ashibani. Ir-rikorrent qiegħed jallega li l-intimati qegħdin jimmisrappreżentaw l-interessi ta' LPTIC Holding stante li d-dritt ta' rappreżentanza tal-interessi ta' LPTIC illum jappartjeni lilu.

Huwa prinċipju fundamentali tal-liġi rikonoxxut bl-Artikolu 562 tal-Kap. 12 illi l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jagħmel l-allegazzjoni ta' dak il-fatt. Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għalkollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa r-

rikorrent li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-pretensjonijiet tiegħu.[7]

Kif ġie kkonstatat aktar qabel minn din il-Qorti, id-Dokumenti A sa F[8] annessi mar-rikors promotur prodotti bħala prova li huwa r-rikorrent bħala Chairman tal-iSteering Committee ta' LPTIC Holding li għandu r-rappreżentanza legali ta' din il-kumpannija Libjana, għad li suppost huma maħruġin minn ministeri jew dipartimenti tal-Gvern Libjan (dak ta' Tripli), dawn id-dokumenti ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri u din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.

Di più l-intimati esebew a fol. 34 tal-proċess dikjarazzjoni tac-Charge d'Affaires tal-Ambaxxata Libjana f'Malta H.E. Alhabib Alamin li kkonferma li d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u mmarkati bħala Dok. A, B, C, C1, D, E, F mhumiex dokumenti legali maħruġa minn xi organu jew xi entità legali tal-Gvern tal-Libja.

Permezz tax-xhieda ta' Pierre Mallia, id-Direttur tal-Protokoll u Servizzi Konsulari fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta[9], ġie kkonfermat li l-Eċċellenza Tiegħu Alhabib Mohammed Alamin, bħala inkarigat tal-Affarijiet

---

[7] Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Emanuel Hayman u martu Monica Hayman vs. Mary Caruana u zewgha Alfred et.** Ara wkoll sentenza App.Inf. tat-22 ta' Novembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Camilleri vs. Maurice Cauchi et.**

[8] A fol. 10 sa 17 tal-proċess.
[9] A fol. 80A sa 80D tal-proċess.

tal-Gvern Libjan, igawdi għarfien internazzjonali, u huwa akkreditat f'Malta sa mill-1 ta' Diċembru, 2014.

Pierre Mallia xehed ukoll[10] li l-Gvern Malti ma jagħrafx lin-National Salvation Government tal-Libja, li hu bbażat fil-Libja u lanqas ma jagħraf lil Hussin.S.T. Musrati bħala Charges d'Affaires tal-Ambaxxata Libjana f'Malta.

Fil-21 Mejju, 2015 ir-rikorrent ippreżenta b'nota ittra minn Hussin.S.T. Musrati datata 20 ta' Mejju, 2015[11] li tirreferi għall-ittra ta' Alhabib Alamin tat-18 ta' Mejju, 2015[12] u għad-dokumenti A, B, C, D, E u F annessi mar-Rikors promotur. Hussin.S.T. Musrati fl-ittra tiegħu jgħid li ma jaqbilx mad-dikjarazzjonijiet tas-Sur Alamin, u ddikjara li d-dokumenti msemmija ġew maħruġa minn organu jew entità tal-Gvern tal-Libja.

Min-naħa tiegħu Pierre Mallia, id-Direttur tal-Protokoll u Servizzi Konsulari fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta xehed[13] illi kieku l-ittra tas-Sur Hussin.S.T.Musrati ġiet ippreżentata lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, huma ma kinux jillegalizzawha u ma kinux jawtentikawha, għax lis-Sur Musrati u l-entità li huwa jirrappreżenta mhumiex rikonoxxuti mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

[10] A fol. 80C tal-proċess.
[11] A fol. 74 tal-proċess.
[12] A fol. 34 tal-proċess.
[13] A fol. 80C.

Din il-Qorti tqis li ladarba l-ittra tas-Sur Hussin.S.T.Musrati ma ġietx legalizzata a tenur tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-ittra u d-dokumenti li tagħmel riferiment għalihom m'għandhom ebda valur probatorju f'dawn il-proċeduri.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ma rrnexxilux jipprova fuq bażi *prima facie* l-allegat jedd pretiż minnu u dan peress li d-dokumenti li pproduċa in sostenn tal-pretensjonijiet allegati minnu mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri stante li ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 u fi kwalunkwe każ ma setgħux jiġu hekk awtentikati peress li mhumiex dokumenti maħruġa minn Gvern barrani uffiċjalment rikonoxxut mill-Gvern ta' Malta.

Ma jirriżultax għalhekk li l-jedd pretiż mir-rikorrent jeżisti *prima facie* u din il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma ġew sodisfatti.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub fir-Rikors.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2015 safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kienet ġiet milqugħha provviżorjament.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------